

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*
- 2) *PV huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawża T-224/18 R u T-224/18 R II.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 123, 9.4.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2020 – CBA Spielapparate- und Restaurantbetrieb vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-168/17) (<sup>1</sup>)

*(“Aċċess għad-dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti relatati mal-proċedura amministrattiva li tirrigwarda allegata għajnuna mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Awstrijaċi favur il-proprjetarji ta' konċessjoni abbażi tal-liġi dwar il-logħob tal-azzard – Rifjut ta' aċċess – Eċċezzjoni relattiva għall-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu – Interess pubbliku superjuri – Obbligu ta' motivazzjoni – Eċċezzjoni ta' illegalità”)*

(2020/C 77/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: A. Schuster, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar, F. Erlbacher u K. Blanck, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz u D. Moore, aġenti), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u E. Rebasti, aġenti)

**Suġġett**

Talba abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 249 finali, tat-13 ta' Jannar 2017, li tiċħad it-talba għal aċċess għad-dokumenti relattivi għall-proċedura fil-qasam tal-għanjuna mill-Istat irreġistrata bir-referenza SA.40224 [2014/CP], abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *CBA Spielapparate- und Restaurantbetrieb GmbH għandha tbatu l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*
- 3) *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 151, 15.5.2017.